# BAĠIT B'DIFFERENZA



**EDWARD SCICLUNA** /Ministru għall-Finanzi



**Il-Ministru għall-Finanzi l-Professur Edward Scicluna nhar it-Tnejn li għadda fil-Parlament waqt li ressaq il-Baġit 2018... baġit b'differenza għal diversi raġunijiet.** *[Ritratt: OMAR CAMILLERI (DOI)]*

Il-baġit għas-sena 2018 li kelli l-privileġġ u s-sodisfazzjon li nressaq nhar it-Tnejn li għadda, kien baġit b'differenza u dan għal diversi raġunijiet. Kien l-ewwel baġit li ħejjejnih minn bażi finanzjarja ferm u ferm aħjar minn dak li konna mdorrijin biha.

Fejn qabel dejjem konna nitilqu minn pożizzjoni ta' deficit, din id-darba, wara 35 sena, tlaqna minn pożizzjoni ta' *surplus* li madankollu għandu jingħad li dan ma waqax mis-sema. Ħdimna għalih bil-kbir. Huwa baġit b'differenza għax fih ma daħħalna ebda taxxa ġdida u ma għollejna ebda waħda minn dawk li diġà hemm. Huwa baġit b'differenza għax fih lill-familji Maltin u Għawdxin tajnihom biss u ma ħadnielhom xejn.

Li m'għandux differenti minn baġits oħra l-Baġit 2018 huwa li ma tistax tħares lejh bħala xiħaġa għaliha waħedha. Irid ikun kkunsidrat minn liema bażi se jkun qed jitlaq. Jekk hux minn bażi soda, jew minn waħda mhux daqstant soda jekk mhux addirettura waħda dgħajfa.

Dan iwasslek allura fissitwazzjoni li trid jew ma tridx ikollok tagħmel il-paraguni. Mhux se mmur filbogħod wisq, Marzu 2013 meta l-poplu għażilna biex immexxuh u meta ftit wara rajna x'konna writna mingħand amministrazzjoni Nazzjonalista. Qegħdin nitkellmu fuq ftit aktar minn erba' snin ilu biss u se nagħti ftit eżempji ta' dan.

Fi tmiem is-sena 2012 kellna deficit ta' kważi €300 miljun li f'temp ta' erba' snin, sa tmiem is-sena li għaddiet, dawwarnieh f'*surplus* ta' aktar minn €100 miljun. U b'sodisfazzjon ngħid li anke fi tmiem din is-sena se nkunu qegħdin nerġgħu nirreġistraw surplus ieħor.

Illum għandna madwar 5,000 persuna inqas jirreġistraw għax-xogħol milli kellna f'Marzu 2013. Illum fuq il-postijiet tax-xogħol għandna jaħdmu madwar 22,000 ruħ aktar milli kellna f'Marzu 2013. Jekk nipparaguna kemm kellna nisa jaħdmu f'dawn iż-żewġ perjodi li qed nirreferi għalihom insib li llum għandna 11,000 mara aktar fis-suq tax-xogħol.

Fis-settur privat insibu li llum għandna jaħdmu madwar 28,000 aktar milli kellna fl-aħħar tas-sena 2012. Insibu wkoll li llum in-numru ta' persuni fuq l-assistenza soċjali huwa ta' madwar 3,000 inqas milli kien fil-bidu tal-leġiżlatura li għaddiet filwaqt li n-numru ta' persuni fuq l-assistenza talqgħad huwa ta' madwar 3,500 inqas milli kien f'Marzu 2013.

Nista' nibqa' għaddej inqabbel settur wieħed wara l-ieħor u naslu għall-istess riżultati. Dawn ir-riżultati nkisbu grazzi għat-tkabbir ekonomiku li rnexxielu jistimula l-Gvern tul l-erba' snin li għaddew. Wasalna għal din il-pożizzjoni għax kull baġit li ressaqna tul illeġiżlatura l-oħra kien b'saħħtu, mirqum u b'mod ippjanat. Żammejna l-istess prinċipji anke fit-tfassil tal-Baġit 2018.

Kull miżura li introduċejna fih, u qed nitkellmu fuq ħafna miżuri, ħdimniehom b'mod li tikkunsidrahom mill-effett li joħolqu. Wieħed jista' faċilment jasal għal dan li qiegħed ngħid billi jieħu diversi eżempji ta' miżuri.

Ħu per eżempju l-miżura għal aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem. Se nkomplu nnaqqsu t-taxxi fuq ix-xogħol, tnaqqis li se jingħata lil kull ħaddiem li jaqla' inqas minn €60,000 fissena. Għall-ewwel darba se ndaħħlu l-prinċipju li anke dawk il-ħaddiema li ma jħallsux taxxa se jibbenefikaw. Filfatt dawk bl-inqas dħul se jingħataw il-massimu ta' din l-għotja, massimu ta' €68. Kollox b'mod gradat u bi ħsieb, għalhekk wasalna għaċ-ċifra ta' €60,000 li malli tinqabeż ma jkunx hemm tnaqqis. Mhux se nidħol f'kull miżura li daħħalna fil-Baġit 2018 u lejn liema kategoriji ta' nies huma mmirati għax l-ispazju ma jippermettix.

Titjib fil-livell ta' għajxien b'riżultat ta' ekonomija b'saħħitha li miexja b'ritmu mgħaġġel, imma li fl-istess ħin qegħda toħloq sfidi ġodda. L-akbar sfida hija li rridu ntejbu l-infrastruttura eżistenti, li tinkludi t-toroq u faċilitajiet oħrajn ta' trasport. Għandna l-isfida tal-*housing stock* u l-immaniġġjar tal-iskart. Tliet sfidi kbar li l-Gvern huwa determinat li jiffaċċjahom u li mhux se joqgħod jittratjeni fuqhom. Il-Gvern huwa konxju li s-soluzzjonijiet għal dawn l-isfidi mhumiex ta' baġit wieħed. U huwa għalhekk li d-deċiżjonijiet, iebsin kemm huma iebsin, iridu jittieħdu llum qabel għada. Ebda problema ma tissolva billi titwaddab taħt it-tapit. Meta jsir hekk il-problema tkun qiegħda biss tinħeba bilkonsegwenza li tkun qiegħda tikber fil-gravità tagħha u tkun qed timmina t-tħejjija tiegħek għall-futur.

Gvern Laburista mhux lest jagħmel hekk. Gvern Laburista jinsab determinat u deċiż li jħejji lill-pajjiż għall-futur.

## Deputati Parlamentari 'l fuq mil-liġi?

Sur Editur,

L-iskandlu tal-firem foloz fl-elezzjoni riċenti għall-ħatra tal-Kap tal-PN, fakkarni fid-dnubiet tal-politiċi li jekk ma raqdux, ilhom snin jogħnosu. Tassew diżgustanti t-trattament preferenzjali li qegħdin jingħataw politiċi Nazzjonalisti, li qatt ma jittieħdu passi kontrihom meta jiksru regoli stabbiliti u liġijiet.

Id-deputati għandhom privileġġi uffiċjali biżżejjed. Mhux aċċettabbli li ma' dawk ikollhom ukoll il-privileġġ adizzjonali li jkunu 'l fuq milliġi. Dan il-privileġġ ilhom snin igawduh għadd ta' deputati li kienu jieħdu l-paga bla ma qatt imorru fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

Dak l-abbuż jissejjaħ privileġġ, għax l-onorevoli mhux biss gawdew mill-irregolarità meta l-PN kien filgvern, imma talli anke sal-lum ma nafx li ttieħdu xi passi kontrihom għal dawk ir-reati. Bl-istess mod saru privileġġi wkoll l-abbużi taddeputat Nazzjonalista li għamel xogħol f'każin tal-partit b'materjal u ħaddiema tal-gvern, u fl-istess bawxata anke ordna nies biex jieħdu ġurament falz. L-istess onorevoli kellu l-ardir jagħmel applikazzjoni tal-MEPA, b'dikjarazzjoni falza għallbini ta' villa f'żona ODZ. Qiegħda tgawdi dan il-privileġġ tal-immunità wkoll id-deputata tal-PN li qarrqet għall-gwadann ta' *allowance*, u minn assenzi mid-doveri li kellha bħala direttur ta' bord governattiv.

Għadu wkoll frisk bħal ħassa dak l-eks ministru li kien ġie ċċensurat mill-awditur ġenerali fuq abbużi gravi li rregala artijiet tal-poplu lillħbieb u|jew sostenituri Nazzjonalisti, bi prezzijiet ta' miljuni kbar ta' ewro inqas milli fil-fatt huma stmati. F'każ ieħor, għadha qatt ma saritlu akkuża formali li b'waħda mill-azzjonijiet tiegħu sparpalja €7 miljuni mill-beni tal-poplu.

Baqa' qatt ma ġie mitlub jagħti kont ta' għemilu dak l-eks ministru li b'deċiżjoni tiegħu waħdu bidel ilmappa taż-żona ODZ b'mod li f'ħakka t'għajn ipprovda profitti kbar ferm lil għadd ta' propretarji ta' artijiet.

M'għandix spazju biex nelenka lill-onorevoli kollha ta' din il-lista preferenzjali. Illum nagħlaq bid-deputat prominenti li qatt ma ġew investigati l-proprjetajiet u l-kontijiet bankarji tant suspettużi tiegħu, li ilhom żmien li ġew fi lsien in-nies.

Il-gvern preżenti li għamel riformi kbar progressivi f'kull qasam, meta se jieħu ħsieb din l-anomalija inaċċettabbli?

MICHAEL,
Birkirkara